**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 37

Data tal-laqgħa: 15 ta' Diċembru, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025, fil-5.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci (SKUŻATA)<br>Marilena Galea (ASSENTI) |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:05p.m. billi ntqalet it-talba.

## 37/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**37/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, biex tinforma li ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa. Is-Sa Meli nfurmat ukoll li l-Kunsill ma kienx irċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera, is-Sa Marilena Galea, peress li ma kinitx preżenti għal din il-laqgħa.

**37/01/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-ittra t'aploġija mingħand is-Sa Gauci u s-Sa Meli talbet lid-DSE tiċċekja kemm-il laqgħa kienet falliet is-Sa Galea.

## 37/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**37/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 36 li nżammet nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

**37/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, sekondata mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech.

**37/02/03** Is-Sindku infurmat kif għal din il-laqgħa kienu preżenti l-accountants tal-Kunsill, is-Sa Maria Deguara u s-Sur Mario Borg, sabiex jiġu ppreżentati żewġ rapporti finanzjarji tat-tieni u t-tielet kwart tas-sena finanzjarja 2025 kif ukoll *draft* tal-baġit għas-sena 2026.

**37/02/04** Is-Sa Meli fakret ukoll kif is-sena 2025 ma kelliex baġit imressaq lejn tmiem is-sena 2024. Hi qalet ukoll kif dis-sena kien hemm ħidma sabiex jiġu magħluqa r-rapporti finanzjarji tas-sena 2024 li kienu għadhom pendenti kif ukoll jiġu ppreparat *draft* tal-baġit għas-sena 2026, liema baġit ser ikun qed jiġi diskuss mar-residenti fil-laqgħa tal-lokalità.

**37/02/05** Fuq l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti, is-Sa Meli talbet lill-accountants jgħatu spjegazzjoni tar-rapporti msemmija.

**37/02/06** Wara l-informazzjoni dettalji provduta mill-accountants, is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti ressqu d-domandi tagħhom.

**37/02/07** Ir-rapporti ġew approvati mill-Kunsilliera preżenti b'mod unanimu.

**37/02/08** Is-Sindku irringrazzjat lill-accountants talli kienu preżenti għal din il-laqgħa u kien hemm qbil sabiex il-laqgħa mar-residenti dwar il-baġit 2026 tinżamm nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar 2026, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**37/02/09** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera titkompla l-laqgħa bl-aġenda skedata.

## 37/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**37/03/01** Is-Sindku għamlet referenza għall-avveniment tal-Milied li kien inżamm nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2025. Hi spjegat kif minħabba x-xita prevista għal din il-ġurnata dan l-avveniment inżamm ġewwa l-Oratorju, fis-sala tal-Kapillan. Għal din ir-raġuni hi rringrazzjat mill-ġdid lil Kapillan talli provda dan l-ispażju u l-avveniment seta jinżamm xorta waħda.

**37/03/02** Is-Sindku għamlet referenza għad-*dog walk* li kienet inżammet is-Sibt 13 ta' Diċembru 2025 u rringrazzjat lill-isponsor, Borg Cardona & Co Ltd. talli provdew *goody bags* lil dawk li pparteċipaw f'din l-attività. Hi nfurmat kif din l-attività kienet intlaqat b'mod pożittiv u qed jiġi kkunsidrata sabiex din terġa tinżamm.

**37/03/03** Is-Sindku infurmat kif dan il-Kunsill kien ġie avviċinat mill-produzzjoni tal-programm, Bonġu Malta, u kif jixtiequ li l-programm ġewwa l-Għargħur jinżamm il-Ħadd 22 ta' Frar 2026 bejn it-8:15am u s-1pm.

**37/03/04** Is-Sa Meli infurmat kif l-Kunsill kien għadu qed jistenna komunikazzjoni mingħand l-avukat dwar il-ħlas marbut mal-avveniment tal-*Boxing* li kien inżamm fl-2024 kif ukoll dwar is-Semaphore Tower.

**37/03/05** Is-Sa Meli ressqet xi punti li kienu mqajma fil-minuti preċedenti. Hi spjegat kif wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill hi kienet tkelmet mas-Sur Tanti dwar l-użu tal-pixxina, u spjegat kif din l-inizjattiva ser tkun qed tibda f'Jannar 2026.

**37/03/06** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-iskema finanzjarja numru 2 tal-Kunsill Reġjonali Lvant u nfurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni dwar it-talba li kienet ġiet imressqa. Hi żiedet tgħid kif wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill, id-DSE kienet bagħtet komunikazzjoni lill-kunsilliera kollha sabiex jiġu mressqa l-ideat tagħhom. Hi infurmat li l-komunikazzjonijiet li kienu waslu għand il-Kunsill kienu sabiex jiġu mibdula ż-żewġ arbli tal-fanali li jinsabu quddiem iz-zuntier tal-knisja parrokjali.

## 37/04 Tweġibiet mill-Kunsilliera

**37/04/01** Id-DSE infurmat li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mingħand il-Kunsilliera.

## 37/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet

- ***Rapporti***

**37/05/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, fakret li r-rapporti finanzjarji kienu diġa ġew diskussa u approvata fil-bidu ta' din il-laqgħa.

- ***Ilmenti***

**37/05/02** B'referenza għall-ilmenti, is-Sindku nfurmat kif resident kien qed irressaq talba dwar il-parkeġġi li jinsabu fil-ġewwa ta' Sqaq il-Ħofra. Hi spjegat kif qed ikun hemm karozzi pparkjati u peress li ma hemmx markeġġ, qed jingħataw ċitazzjonijiet.

**37/05/03** Kien hemm qbil sabiex tintalab direzzjoni mingħand Transport Malta.

**37/05/04** Il-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, talbet sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-kunsill dwar l-ilma li qed jinġema quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill kull darba li tinżel ix-xita.

**37/05/05** Is-Sindku nfurmat kif il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand resident dwar problema li qed ikollu fil-kantina minħabba l-ilma. Hi qalet kif il-WSC infurmaw li ma jistà jsir xejn minn naħa tagħhom pero r-resident qed jitlob lill-Kunsill biex ibattal il-ġiebja tal-pjazza peress li jilmenta li l-ilma li qed jiħol huwa minħabba din il-ġiebja.

**37/05/06** Is-Sindku u l-Viċi Sindku spjegaw kif aktarx din mhux il-problema madanakollu ser ikunu qed ikomplu jaraw kif din tistà tiġi ndirizzata.

**37/05/07** Is-Sindku għamlet referenza għax-xelter li jinsab fejn il-binja tal-Kunsill u nfurmat kif Ambjent Malta kienu ġew fuq il-post biex ibatluh peress li mimli bl-ilma. Hi nfurmat li sabu problema li l-ilma li hemm huwa maħmuġ u kif għal din ir-raġuni dan irid jitbattal mis-sezzjoni tad-dranaġġ

jew xi ħadd privat. Għal din ir-raġuni hi nfurmat kif kienu bdew id-diskussjonijiet biex il-Kunsill jara kif dan ser jitnaddaf.

**37/05/07** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera preżenti dwar ilment li dan il-Kunsill kien irċieva dwar l-istruttura ta' parkeġġi li jinsabu fi Triq Isqof Gargallo.

**37/05/08** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-ilment ieħor li kien imressaq minn resident fi Triq Caravaggio fejn qed ikollu problema biex joħroġ il-karozza tiegħu mill-garaxx minħabba li l-karozzi qed jipparkjaw biċċa 'l barra minn kemm suppost u b'hekk ma jkunx jistà joħroġ mill-garaxx. Hi spjegat kif ir-resident ma jixtieqx li jnaqqas parkeġġ peress li jifhem li hemm problema ta' parkeġġ f'din iż-żona pero jrid isir xi ħaġa biex l-karozzi ma jostakolawx l-garaxx u hu jkun jistà joħroġ tajjeb.

**37/05/09** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif ir-resident issuġġerixxa li minflok isir parkeġġ tal-muturi.

**37/05/10** Wara li nżammet diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti dwar dan l-ilment, kien hemm qbil sabiex din it-talba tiġi mressqa lill-Transport Malta.

- ***Ordnijiet ta' Xogħolijiet***

**37/05/11** Is-Sindku nfurmat kif qed tiġi mressqa għall-approvazzjoni kwotazzjoni provduta mingħand C C Security Systems minħabba l-ħsarat li kienu saru fuq is-CCTV cameras minħabba s-sajjeti li kien hawn fil-bidu tax-xahar.

**37/05/12** Kien hemm qbil sabiex dawn jitranġaw u għal din ir-raġuni l-kwotazzjoni mressqa ġiet approvata pero kien hemm talba sabiex din il-ħsara tiġi kkomunikata mal-*insurance* biex naraw jekk tistax tiġi *claimed* bħala spiża.

**37/05/13** Is-Sindku għamlet referenza għall-proġett ta' l-Ewropa fejn ser tkun qed tinżamm laqgħa mal-EUPA b'mod virtwali biex il-Kunsill jaġġornhom fuq il-preparamenti li qed isiru kif ukoll infurmat dwar il-kwotazzjonijiet li kienu qed jinġabru sabiex isiru l-preparamenti meħtieġa.

**37/05/14** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda kwotazzjoni miġbura sabiex tiġi provduta l-akkomodazzjoni u kamar għat-taħrig, il-ktiba tal-proġett, servizz ta' kok, u trasport.

**37/05/15** Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-orħos kwotazzjonijiet provduti.

**37/05/16** Is-Sindku għamlet referenza għas-sitwazzjoni li tinsab fl-uffiċċju fejn sojegat li kienet ilha xhur tisma bil-problemi li residenti ma kienux qed jaqbdu l-Kunsill permezz tat-telefon, ċertu affarijiet ma kienux qed jintlaħqu, u spjegat kif hi kienu konxja li ħafna mix-xogħol kienet qed tagħmlu d-DSE u ta' dan irringrazzjata tax-xogħol li kienet qed tagħmel.

**37/05/17** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif hi kienet konxja li ma kienx hemm biżżejjed għodda għax-xogħol li kien hemm pero hi qalet kif hi temmen li kif id-DSE tkun preżenti l-uffiċċju waħedha u jsiru l-mirakli, tippretendi li staff ta' żewġ persuni għandhom imexxu l-uffiċċju wkoll.

**37/05/18** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif dakinhar filgħodu stess, hi kienet irċiviet diversi telefonati u messaġġi fuq Facebook li t-telefon tal-Kunsill ma kienx qed jiġi rrispondut. Għal din ir-raġuni hi spjegat kif dawn kienu kollha nuqqasijiet ta' professjonalità u talbet lid-DSE sabiex tieħu l-passi neċessarji u li hemm bżonn.

**37/05/19** Is-Sa Meli qalet kif matul din is-sena hi għamlet mill-aħjar sabiex il-pożizzjoni tal-finanzi tal-Kunsill tkun kif suppost u ser tkun qed tagħmel minn kollox biex tara li fis-sena 2026 l-amministrazzjoni tiġi tranġata wkoll. Hi espremiet diżappunt kbir dwar kif l-uffiċċju qed jopera mill-impjegati preżenti u kif din trid titranġa fis-sena li ġejja.

## 37/06 Kuntratti, Tenders u MOUs

**37/06/01** Is-Sindku għamlet referenza għat-tender – *GLC02/2025 – Services – Collection of Bulk Refuse from the Locality of Gharghur Using Low Emission Transport* – u nfurmat kif dan kien għalaq nhar it-Tnejn l-1 ta' Diċembru 2025.

**37/06/02** Is-Sa Meli infurmat kif il-bord kellu jiltaqà nhar l-Ħamis 11 ta' Diċembru 2025 pero din kellha titħassar peress li l-koordinatur kien jinsab ma jiflaħx. Għadna qed naraw meta din tista tinżamm.

**37/06/03** Is-Sa Meli kompliet tgħid kif sadanittant id-DSE talbet lill-kuntrattur li l-Kunsill għandu fil-preżent sabiex naraw jekk il-Kuntratt jistax jiġi mġedded għal xahar ieħor mill-inqas peress li s-sistema ta' l-epps tkun wieqfa għal ġimghatejn fil-perjodu tal-festi.

**37/06/04** Is-Sindku għamlet referenza għat-*Tender - GLC/03/2025 - works- resurfacing of Triq Għaxqet l-Għajn including installation of lighting and benches using environmentally friendly materials and practices* – li kienet ġiet ippublikata u ser tkun qed tagħlaq nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2025 u l-bord ser ikun qed jiltaqa wara din id-data.

**37/06/05** Is-Sindku għamlet referenza wkoll dwar il-*pathway* li ser issir fi Triq Għaxqet il-Għajn u kif din ser tkun qed tiġi ffinanzjata mill-MTA bħala żona turistika fil-lokal. Hi spjegat kif l-istimi tal-Perit ser ikunu qed jiġu mgħoddija sabiex eventwalment jinbeda x-xogħol.

## 37/07 Postijiet Vakanti

- ***Clerk, Scala 15, Part Time***

**37/07/01** B'referenza għal din il-pożizzjoni, id-DSE infurmat kif l-intervisti għal din il-pożizzjoni kienu nżammu nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru 2025 fejn il-bord kompost mis-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, u l-kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, fil-preżenza tad-DSE, kienu preżenti.

**37/07/02** Is-Sa Meli nfurmat kif b'kollox dan il-Kunsill kien irċieva 4 applikazzjonijiet pero 3 biss kienu eleġibbli. Meta ġew imsejħa biex jattendu l-intervista, 2 biss ikkonfermaw li ser jattendu filwaqt li applikanta waħda infurmat li ma kienitx interessata aktar fil-pożizzjoni.

**37/07/03** Is-Sa Meli infurmat kif il-bord kien qed jirrakomanda lis-Sa Monique Meli għal din il-pożizzjoni.

**37/07/04** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni b'mod unanimu u kien hemm qbil sabiex is-Sa Meli tibda l-ħidma tagħha minn nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar 2026.

**37/07/05** Is-Sindku reġgħet tenniet li din ser tkun għajnuna fl-amminstrazzjoni u kif mhux ser tkun qed tittollera aktar skużi fuq ix-xogħol li hu mistenni mill-amministrazzjoni.

**37/07/06** Is-Sa Meli tenniet li jridu jittieħdu passi dixxiplinarji u spjegat kif ġara dwar l-avveniment tal-milied fejn kien hemm taħwida kbira bl-*istalls*.

- ***Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur***

**37/07/07** Is-Sindku nfurmat kif id-Diviżjoni għal Gvern Lokali għadhom kemm ippublikaw il-lista ta' applikanti eleġibbli għal pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttivi mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Hi nfurmat kif hemm perjodu ta' appell u kif dan il-perjodu jkun konkluż, il-Kunsill ser ikun qed jiġi notifikat bil-lista ta' applikanti nteressati għall-pożizzjoni ma' dan il-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jsiru l-intervisti.

## 37/08 Attivitajiet

**37/08/01** Is-Sa Meli infurmat kif ftit tal-granet qabel din il-laqgħa kien għadu kif ġie ippublikat l-avviż għal *Christmas Lunch Party* li ser jinżamm nhar is-Sibt 27 ta' Diċembru 2025. Hi nfurmat kif komunikazzjoni dwar din kienet fic-*chat* tal-Kunsill, kif kien miftihem fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

**37/08/02** Is-Sa Meli pproponiet li tinżamm attività tal-Milied nhar it-Tlieta 23 ta' Diċembru 2025 fil-pjazza tal-Għargħur fejn it-tfal ser ikollhom opportunità li jieħdu ritratt ma' Father Christmas, fis-7:30 ta' filgħaxija.

**37/08/03** Is-Sindku nfurmat kif id-DSE kienet għamlet kuntatt ma' diversi entitajiet biex ikunu sponsors għal din l-event u spjegat kif l-Aġenzija Nazzjonali tal-Literiżmu ser tkun qed tipprovdi kotba lit-tfal, Esplora ser tagħti biljetti għal dħul, u l-Malta National Aquarium ser ikun qed jgħati voucher ta' dħul b'xejn. Hi spjegat ukoll li l-Kunsill ser iġib servizz ta' fotografu sabiex ikun jistà jieħu dawn ir-ritratti u jibgħathom b'emejl.

**37/08/04** Is-Sa Meli infurmat kif għal din l-attività qed jiġi ssuġġerit li kull persuna li tixtieq tieħu ritratt ma' Father Christmas, għandha tagħti donazzjoni ta' €5 kull tifel/tifla li ser tkun qed tmur għal Malta Community Chest Fund Foundation.

**37/08/05** Kien hemm qbil sabiex tinżamm din l-attività mill-Kunsilliera preżenti.

## 37/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**37/09/01** B'referenza għall-iskeda ta' ħlasijiet is-Sindku infurmat kif il-Kumitat tal-Finanzi kien żamm laqgħa sabiex idur l-iskeda ta' pagamenti li qed jiġu ppreżentati f'din il-laqgħa. Għal din ir-

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

raġuni hi ppreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Aġenda.

**37/09/02** Il-mozzjoni ġiet approvata fuq proponet tas-Sa Francesca Attard u sekondanta mis-Sur Christopher Fenech.

## 37/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**37/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:10p.m. wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar fil-5:30p.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**